Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 479/2014

Il-Pulizja

Assistent Kummissjarju Norbert Ciappara

Vs

*Omissis*

Illum 19 ta' Novembru, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant *Omissis*, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 436186M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

a) F'dawn il-Gzejjer fl-1 ta' Mejju 2004, kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendat, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

b) Akkuzat ukoll talli fl-1 ta' Mejju 2004 u matul l-ahhar hames xhur ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-7 ta' Novembru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(i), it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, u l-Artikoli 17(f), 31 u 37 tal-Kap. 9, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet (a) u (b) migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' **xahar prigunerija effettiva** u ghal **ammenda komplessiva ta' hamsa u tmenin Euro (€85)**.

Il-Qorti **m'hijiex** qeghda tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi tali esperti kienu gew nominati fl-inkjesta dwar dan il-kaz u r-reati in kwistjoni sehhew qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XIII tal-2005, li emenda l-imsemmi artikolu billi fost ohrajn gew inkluzi wkoll l-ispejjez konnessi mal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta.

Stante illi huwa kien minuri meta kkommetta r-reati odjerni, il-Qorti qeghda tordna d-divjet tal-publikazzjoni ta' isem il-hati.

Rat ir-rikors tal-appell ta' *Omissis*, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Novembru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti, tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-esponenti hati tat-tieni imputazzjoni, thassar, tirrevoka u tikkancella l-istess sentenza f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-esponenti hati tal-ewwel imputazzjoni minghajr l-appliabilita tal-artikolu 120A(7) tal-Kap. 31 u minflok tiddikjara li ghall-finijiet ta' din l-imputazzjoni huwa applikabbli l-Artikolu 120A(7) tal-Kap. 31 u konsegwentement tvarja u tibdel l-istess sentenza f'dik il-parti li tirrigwarda l-piena inflitta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant *Omissis* huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-ewwel Qorti bir-rispett ghamlet enuncjazzjoni u applikazzjoni skorretta tal-ligi fl-interpretazzjoni taghha tal-Artikolu 120A(7) tal-Kap. 31.

F'dan il-kuntest jigi rilevat li l-interpretazzjoni ta' din id-disposizzjoni maghmula mill-ewwel Qorti ma tirriflettix la d-dicitura tal-ligi, la l-ispiertu tal-ligi meta gie introdott bl-Att XVI tal-2006 u lanqas dak kollu li ntqal obiter fis-sentenza in Re Marco Galea u Russell Bugeja decizi nhar il-5 ta' Mejju, 2008, ghall-liema sentenzi l-ewwel Qorti ghamlet referenza.

A. <u>Id-dicitura tal-Ligi</u>

Qari akkurat tal-Artikolu 120A(7) tal-Kap 31 jindika, bir-rispett kollu, li dan is-suppost element li d-droga giet 'shared' trid tkun droga li l-akkuzat ikun xtara originarjament ghalih u kienet intiza ghalih ma tirrizultax mid-dicitura tal-ligi. Imikien ma hawn f'dan il-proviso xi menjonamnet ta' dan l-element li l-ewwel Qorti strahet fuqu biex teskludi l-applikabilita tal-proviso fil-konfront tal-esponent.

In effetti t-test tal-ligi jghid:

*"Il-Qorti tkun tal-fehma li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma ohrajn"*

Bir-rispett imkien ma l-ligi tghid li l-hati kien xtara d-droga bil-hsieb li jikkonsma huwa stess u imbghad ghazel li jaqsam dik id-droga ma haddiehro f'dak l-istess post li jkun originarjament xtraha ghalih biss.

B'hekk fejn l-ewwel Qorti qieghda tikkonkludi bil-mod segwenti:

*"Ma kienx ghalhekk il-kaz li l-imputat kien bi hsiebu jaqsam il-pilloli li kellu ghall-uzu tieghu jew li kienu intizi ghalih ma shabu"*, filwaqt li qed tirriproduci dak li qalet il-Qorti tal-Appell in Re Bugeja u Galea, qieghda zzid kwalifika (li kellu ghall-uzu tieghu/kienu intizi ghailh) li ma humiex riflessi fil-ligi.

Il-kliem tas-subinciz isemmi imkien ma jattribwixxi xi mens rea li tevolvi f'mohh l-akkuza mill-passat (il-hin tal-akkwist) ghall-futur (il-hin li ssir d-decizjoni li jaqsam ma haddiehor).

Tabilhaqq kull ma trid il-ligi huwa li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina (li xtara u imkien ma tghid il-ligi li xtara ghalih biss) f'dak l-istess post flimkien ma haddiehor. Imkien ma tghid il-ligi li l-hati ried ikun xtara ghalih biss u imbghad iddecida li jikkonsma flimkien ma haddiehor. Tabilhaqq il-ligi ma teskludix lanqas li dan il-haddiehor ikun iddecida li jiehu minnha anki qabel ma giet akkwistata.

Hawn x'i9mkien f'din id-depozizzjoni xi eskluzzjoni tal-appliabbilita' taghha jekk dak il-haddiehor ikun iddecida li jehodha anki meta l-hati jkun qed jixtriha? L-unika kwalifika li taghmel il-ligi huwa li jkun hemm hsieb li tigi kkunsmata fl-istess post minn almentu tnejn minn-nies.

Tabilhaqq lanqas ma l-ligi tesigi li tkun nxtrat fl-istess post fejn qed tigi kkunsmata, ghalkemm dan mhuwiex il-kaz hawnhyekk ghaliex tirrizulta li nxtrat mill-istess post f'Bugibba fejn kienet ser tigi kkunsmata. Dan il-punt qieghed ghalhekk isir biss ghal-finijiet ta' kjarifika.

B. L-ispiertu tal-Ligi

Tajjeb li jinghad ghaliex dahal fis-sehh ukoll dan is-subinciz. L-esperjenza f'dan il-qasam ghallmet lill-legislatur li t-tnehhija tad-diskrezzjoni lill-Qorti b'mod li rabtitilhom idejhom kien qed iwassal ghall-sitwazzjonijiet fejn persuni kienu jisfaw inkarcerati anki meta c-cirkostanzi tal-kaz ma kienux jimmeritaw piena ta' habs effettiv. Anzi l-legislatur fl-ahhar kien fehem li bil-mod kif kien honoq lill-gudikanti kien qed ikollu effetti drakonjani li flok gid fil-glieda kontra d-droga kienet qed taghmel aktar hsara. B'hekk dahal fis-sehh dan is-subinciz.

Ghalhekk bir-rispett, jekk il-Qrati sejrin issa jghatu interpretazzjoni rigida ta' din id-dispozizzjoni billi jdahhlu elementi li l-legislatur stess mhux qed isemmi, allura bir-rispett kollu l-Qrati sejrin ikunu qeghdin johonqu lilhom infushom.

"*Ghalkemm il-Qorti hija marbuta li timponi l-piena ta' prigunerija – u f'dan il-kaz partikolari li kieku ma kienitx hekk marbuta, ma kienitx tapplika tali piena...* " (enfasi tal-esponent).

Huwa ghalhekk ukoll li l-ligi ma ghandiex tigi applikata b'mod li jizdiedu elementi li johonqu beneficcji ghall-akkuzat meta dawk l-elementi ma jkunux jirrizultaw mid-dicitura u l-ispiertu tal-ligi. Ghaliex bl-invers il-Qrati jispiccaw f'sitwazzjoni fejn ikollhom jaghmlu dak li ma jridux.

Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li kieku ma kienx applikabbli f'dan il-kaz l-artikolu 37 l-ewwel Qorti kien ikollha, kontra qalba, tikkundanna lill-esponent ghall sitt xhur prigunerija apparti l-multa.

Minn dan ukoll wiehed necessarjament ghandu jikkonkludi li hawn xi haga tassew hazina fil-mod kif l-artikolu 120(7)A tal-Kap 31 qed jigi interpretat.

C. Dak li ntqal obiter fis-sentenzi citati

L-esponent jiddikjara bla tlaqlieq li huwa jifhem li l-ewwel Qorti hassitha marbuta mal-insenjament (bir-rispett erronju) taz-zewg sentenzi citati. Jifhem ukoll li l-ewwel Qorti ma riditx tikkarcerah. Pero' jifhem ukoll li safa inkarcerat u li nies fil-posizzjoni tieghu ghada jew pitghada ser jisfaw inkarcerati mill-Qrati meta l-Qrati ma jkunux jixtiequ jaghtu pieni ta' inkarcerazzjoni.

L-esponent izda jsib komfort mhux biss fid-dicitura tal-ligi u fl-ispiertu li sawwarha izda wkoll isib komfort f'zewg konsiderazzjonijiet ohra. L-ewwel li fortunatament f'pajjizna ma jezistix id-dottrina tal-precedent.

Fit-tieni lok qari tas-sentenzi in re Galea u re Bugeja jwasslu ghall-zewg konkluzjonijiet – kemm dik li waslet ghaliha l-ewwel Qorti <u>kif ukoll</u> dik li fil-fehma tal-esponent tirrifletti d-dicitura u l-ispiertu tal-ligi.

Il-bran relattiv li jsahhah dak li qed jissottometti l-esponenti huwa s-segwenti;

"*huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, ..., trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza*".

Mela hawn imkien ma l-Qorti tal-Appell qed tghid li d-droga trid tkun fil-pussess ta' xi hadd li akkwistha ghall-uzu tieghu. Anzi titkellem fuq l-aspett ta' komunanza u l-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolienaw dan l-element.

L-element ta' "intiza ghalih" jissemma wara – qisu xi "*afterthought*". Bhalma donnu qeed jigi interpretata l-"mens rea" f'dan is-subinciz – persuna li l-ewwel ghandha mens rea ta' pussess semplici imma imbghad meta tigi biex tikkonsma d-droga jkollha "*afterthoutgh*" u dik il-"*mens rea*" tevolvi u ssir wahda li timporta xewqa li taghmel att ta' karita ma haddiehor – tikkonsma dak li xtrajt esklussivament ghalik ma almenu persuna ohra. Bir-rispett kollu jigi ribadut li d-dicitura u l-ispiertu tal-ligi mkein ma jitkellmu fuq *mens rea* li tevolvi. Il-ligi titkellem fuq almentu tnejn minn nies li ddecidew li jikkonsmaw d-droga flikien fl-istess post u xejn aktar.

Ikkunsidrat,

Illi l-lanjanza imressqa 'il quddiem mill-appellanti fil-konfront tad-decizjoni impunjata iddur madwar l-interpretazzjoni moghtija mill-Ewwel Qorti ta' dak dispost fl-artikolu 120A(7) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' tal-principju stabbilit fid-dritt maghruf bhala "*trafficking by sharing*".

Illi minn qari akkurat tad-decizjoni impunjata ghandu johrog illi l-Ewwel Qorti ma ghamlet xejn hlief applikat l-interpretazzjoni tramandata fil-gurisprudenza lokali u dan permezz tad-decizjonijiet moghtija mill-qrati taghna li kienu tal-fehma illi ir-reat tat-traffikar ghandu jircevi piena iktar miti biss meta jigi ippruvat illi l-persuna akkuzata li tkun fil-pussess ta' droga intiza ghaliha sussegwentement meta tinsab fil-kumpanija ta' terzi tiddeciedi li taqsam dik id-droga maghhom fil-istess waqt li hija tkun qed tikkunsmaha. Dan ifisser konsegwentement illi bl-applikazzjoni ta' dan l-insenjament, kif segwiet mill-Ewwel Qorti, l-fattispecje ta' dan il-kaz kif stabbiltiti fid-decizjoni impunjata, ma kellhomx jinkwadra rwiehom fl-applikazzjoni ta' dan il-principju ta' dritt. Dan ghaliex l-Ewwel Qorti ikkonkludiet, fl-apprezzament minnha maghmul tal-fatti tal-kaz, illi l-appellanti kien xtara l-pilloli tal-*ecstasy* ghalih u ghal shabu u dan wara li kien gie delegat minnhom stess sabiex huwa jakkwista l-istess ghalihom, kif ukoll ghalih, bl-intenzjoni li huma ikunu jistghu jikkunsmawhom fil-party fejn l-appellanti gie intercettat mill-pulizija.

Illi allura l-appellanti jilmenta illi gjaldarba meta huwa akkwista dina is-sustanza illecita kellu l-intenzjoni li jikkunsmaha fl-istess post u fl-istess hin ma' shabu, dan allura jinkwadra ruhu taht l-elementi imfassla fl-artikolu 120A(7) tal-Kapitolu 31, li imkien ma jindika illi d-droga li tkun fil-pussess tieghu trid tkun intiza minnu ghall-uzu personali tieghu.

Illi jidher illi l-Avukat Generali ma huwiex qieghed jikkontesta dina l-interpretazzjoni kif imfissra mill-appellanti fl-aggravvju tieghu, izda jishaq illi mill-provi kellu fil-fatt jirrizulta illi l-akkwist maghmul mill-appellanti ma kienx b'din l-intenzjoni, izda biex huwa ibiegh l-istess lil terzi waqt il-*party* fejn eventwalment gie intercettat mill-pulizija, tant illi xi ufficjali tal-pulizija li kienu qed jinvestigaw dan il-kaz isostnu illi kienu semghu xi tfajliet jistaqsu minn fejn setghu jixtru dawn il-pilolli fejn allura giet indikata lilhom il-persuna ta'l-appellanti. Illi din il-Qorti, madanakollu, ma tistax tqies dina is-sottomissjoni imressqa 'il quddiem mill-Avukat Generali u dan ghaliex ma gie issollevat l-ebda ilment minn naha tieghu dirett lejn id-decizjoni impunjata ghar-rigward tal-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti fejn allura gie deciz illi l-appellanti kien akkwista dawk il-pilloli li

instabu fil-pussess tieghu bl-intenzjoni li ighaddiehom lil shabu sabiex l-istess jigu ikkunsmati fil-party li kellhom jattendu flimkien. Dwar dawn il-fatti ma gie interpost l-ebda appell minn naha ta'l-Avukat Generali u kwindi din il-Qorti, issa hija prekluza milli tissindika l-istess. L-impunjattiva li trid tigi indirizzata, allura hija biss dik li tikkoncerna l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-artikolu 120A(7) tal-Kapitolu 31 u jekk l-istess tinkwadrax ruhu taht il-fattispecje ta' dan il-kaz kif stabbiliti fid-decizjoni appellata.

Ikkunsidrat,

Illi l-kuncett ta' dritt li isawwar l-"iskuzanti" ghar-reat ta' traffikar jew kif inhu ahjar imsejjah it-*trafficking by sharing*, fejn allura hija prevista piena aktar miti minn dik tassattiva tal-prigunerija, giet introdotta fil-ligi taghna permezz ta'l-Att XVI ta'l-2006. Il-hsieb tal-legislatur mal-promulgazzjoni tal-emenda gie imfisser hekk:

**"Sal-lum kull każ ta' traffikar – żgħir jew kbir, *sharing* u mhux *sharing* – kien jaqa' taħt il-kappa tat-traffikar u allura, malli l-każ tiegħek jaqa' taħt din il-kappa, awtomatikament kien ikollok piena karċerarja tassattiva ta' sitt xhur. Jiġifieri l-aħjar li tista' tmur huwa li teħel sitt xhur ħabs. .... għalmin qiegħed jaqsam ma' xi ħadd ammonti żgħar ta' droga. Xorta jitqies bħala traffikar b'mod ġenerali, pero' mhux bilfors li l-ħati jintbagħat il-ħabs. Għalhekk m'aħniex qed inneħħu l-piena karċerarja għax-*sharing* imma qed ngħidu li fil-każ ta' *sharing* mhux bilfors li jkun hemm piena karċerarja.**

**Din l-emenda qed nagħmluha b'tali mod li ma jkunx hemm xi ħadd li jipprova jużaha sabiex ma jmurx il-ħabs meta ħaqqu jmur il-ħabs. Qegħdin ukoll noħolqu l-parametri u nagħtu d-diskrezzjoni lill-qorti. Qegħdin ngħidu li <u>d-droga li kellu ma kenitx sabiex jagħmel il-flus biss minnha imma l-intenzjoni tiegħu hija dik li jikkonsmaha personalment jew ma' xi ħadd ieħor.</u> Barra minn hekk l-akkużat jista' jikseb dan il-benefiċċju għal darba waħda biss, jiġifieri jekk wara li l-qorti ma tkunx bagħtitu l-ħabs fil-każ ta' *sharing* u dan jerġa'**

**jikkommetti reat ieħor ta' *sharing*, ikollu jmur il-ħabs bilfors, bil-piena minima karċerarja ta' sitt xhur.[1]"**

Dan ifisser illi l-legislatur kellu f'mohhu dawk il-persuni li jkunu fil-pussess tad-droga f'ammonti zghar u li ma ghandhomx l-intenzjoni jaghmlu qliegh minnha, izda biss li jikkonsmawha huma stess jew inkella li jikkonsmawha ma haddiehor. Dan ifisser allura illi f'dawn il-kazijiet biss it-traffikar, li allura jinkludi kull provvista ta' sustanza illecita lil terzi, jista' igorr piena alternattiva ghal dik karcerarja. Illi din il-mitigazzjoni fil-piena hija estiza ukoll ghar-reat tal-pussess aggravat. Fil-fatt jekk wiehed ihares lejn id-dicitura tal-ligi fl-artikolu 120A(7) hemm ipprovdut testwalment illi:

**"Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew (b)(i): Kap. 446.**

**Iżda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u x-xorta tal-mediċina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-għadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inklużi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taħt l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li l-ħati kien bi ħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn, il-Qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu:**

**Iżda wkoll il-ħati jista' jikseb benefiċċju għal darba waħda biss mid-disposizzjonijiet tal-proviso li jiġi minnufih qabel dan."**

Illi mid-dicitura tal-ligi allura johrog l-element formali tar-reat u cioe' l-hsieb pre-ordinat maghmul mill-hati illi jikkonsma dik id-droga li ikollu fil-pussess tieghu fl-istess post u fl-istess hin ma' ohrajn, liema intenzjoni tohrog iktar cara mill-qari tat-test ingliz fejn jinghad illi "***the offender intended to consume the drug on the spot with others.***" Dan certament ma jinkludiex dik is-sitwazzjoni allura fejn l-hati ikun akkwista id-droga bl-intenzjoni li ighaddieha lil terzi.

[1] Seduta parlamentari numru 388 tat-23 ta' Mejju 2006

Issa l-appellanti ighid hekk fl-istqarrija tieghu rilaxxjata *a tempo vergine* u emmnuta mill-Ewwel Qorti u dan meta mistoqsi x'kien ser jaghmel bil-11-il pillola u nofs li instabu fuqu mill-pulizija:

*"Dawk jiena kont ghadni kif mort nixtrihom ghalija u ghal shabi ghal street party li kien hemm Bugibba."*

Dan ifisser illi l-appellanti kien *a priori* akkwista id-droga bl-intenzjoni li ighaddieha lil shabu. Fil-fatt ikompli ighid illi kienu shabu stess li indikawlu il-persuna minn ghand min kellu imur jixtrihom, izda ma xtaqx isemmi min kienu dawn shabu. Ighid fil-fatt illi huwa hallas ghalihom bi flusu u bil-flus li kien gabar minn ghand dawn shabu. Dan ghalhekk huwa kaz car u klassiku ta' persuna li qed tindahal biex tmur tixtri d-droga (f'dan il-kaz pilloli ecstasy) sabiex tipprovdieha lil terzi u mhux bhal fil-kaz indikat mil-legislatur ta' dik il-persuna li akkwistat d-droga li imbaghad taqsamha ma' terzi fl-istess post u fl-istess hin li kienet qed tikkonsmaha hi, bhal per ezempju dik il-persuna li ikollha xi *joint* u tiddeciedi taqsmu ma' haddiehor. Minn dak li ighid l-appellanti stess huwa gie inkarigat sabiex jakkwista id-droga ghal haddiehor, tant illi gie mghoddi il-flus minn ghand shabu sabiex huwa jakkwista il-pilloli ghalihom. Allura hawn temergi il-figura tal-mandant, li qed jigi mibghut minn haddiehor biex jakkwistalu id-droga. Illi huwa minnu illi dawk il-pilloli, hekk akkwistati u mghoddija lil shabu kienu ser jigu ikkunsmati fil-party li attendew ghalih, izda ma jistax jinghad illi dan jikwadra ruhu fit-tifsira, anke dik komuni, moghtija lil kelma "*sharing*" li necessarjament timplika il-pussess ta' oggett f'idejn persuna li ma izzommhiex biss ghalih, izda jaqsamha ma' haddiehor. U allura minn hawnhekk tohrog l-interpretazzjoni moghtija mill-qrati taghna tal-kuncett tal-komunanza. Jekk persuna jakkwista oggett ghan-nom ta' terz, ma jistax jinghad li qieghed jaqsam dak li ghandu hu fil-pussess tieghu ma' dak it-terz. Illi huwa proprju dan li gie imfisser fid-decizjonijiet **Il-Pulizija v. Russell Bugeja** u **Il-Pulizija v. Marco Galea**, decizi it-tnejn fil-5 ta' Mejju 2008 u li ghalihom taghmel referenza l-Ewwel Qorti fi-decizjoni impunjata.

Illi huwa minnu illi il-qrati taghna jigu rinfaccjati spiss b'sitwazzjonijiet simili bhal dik li instab fiha l-appellanti, fejn grupp hbieb jinkarigaw lil wiehed minnhom sabiex

jaghmel l-akkwist ghan-nom taghhom lkoll, u li tali persuna tispicca ikollha tiffaccja akkuzi dwar traffikar jew pussess aggravat. Izda ma jidhirx illi l-legislatur kellu f'mohhu dawn ic-cirkostanzi, li ghalkemm jimmeritaw l-attenzjoni tieghu, madanakollu ma jinkwadrawx rwiehom fid-dispost tal-ligi li jikkontempla 'l hekk imsejjah t-*trafficking by sharing*. Illi li kieku din il-Qorti kellha tabbraccja it-tezi prospettata mill-appellanti tkun qed tiftah il-bibien ghal abbuz serju fejn persuna intercettata b'ammont ta' droga jew sustanza illecita f'xi avveniment socjali tohrog bl-iskuza illi dawn hija akkwistathom bl-intenzjoni li taqsamhom ma' shabha, minghajr ma jingiebu provi ulterjuri sabiex tigi sostanzjata dina l-affermazzjoni.

Stabbiliti ghalhekk dawn il-principji ta' dritt u applikati ghall-fattispecje ta' dan il-kaz, din il-Qorti ma tara l-ebda motiv 'il ghala ghandha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata.

Tordna d-divjet tal-publikazzjoni ta'isem l-appellanti.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur